MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 242/2008

Kawza fil-lista: 30

**A B bhala kuratrici ad litem**
**ta' binha minuri C D B**
**vs**
**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**E F G u H D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici nomine ppremettiet:

1. Illi A B, omm ir-rikorrenti, kellha u ghad ghandha relazzjoni mal-intimat E F G u mir-relazzjoni taghhom twieled it-tarbija C D B fit-3 ta' Marzu tas-sena 2008;

2. Illi omm ir-rikorrenti hija sseparata legalment minn ma’ zewgha H D permezz ta’ kutnratt ta’ separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Camilleri datat is-6 ta’ Gunju tas-sena 2007, izda peress li r-rikorrenti t-tarbija twieled f’ data anqas minn tlett mitt (300) jum mid-data tas-separazzjoni personali ta’ A B [ossia entro t-terminu stabbilit mill-Artikolu 68 tal-Kodici Civili], ir-rikorrenti t-tarbija gie mnizzel u registrat bhala wild l-intimat H D, hekk kif jidher mill-att tat-twelid bin-numru ta’ iskrizzjoni 1279/08 hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

3. Illi l-missier bijologiku tar-rikorrenti t-tarbija m’ huwiex l-intimat H D izda l-intimat E F G, hekk kif jidher mir-rizultat tad-DNA hawn anness u mmarkat bhala Dok. B, fejn hemm imnizzel li “the probability of paternity [ta’ E F G bhala l-missier naturali tal-minuri] is 99.9999%.”

4. Illi dan ir-rizultat jista’ jfisser illi l-att tat-twelid tal-minuri C D B m’ huwiex veritier u huwa ghal kollox skorrett;

5. Illi l-intimat H D ma jistax ikun missier il-minuri C, peress illi hu u A B ma kellhomx rapporti intimi bejn it-tlett mitt (300) gurnata u l-mija u tmenin (180) gurnata qabel it-twelid tat-tifel, u l-intimat H D kien effettivament fl-impossibilita’ fizika li jghammar ma’ A B minhabba li kien boghod minnha;

6. Illi A B u l-intimat H D kienu jghixu f’ residenzi separati minn ferm qabel id-data tas-separazzjoni u kif ukoll ma kellhomx relazzjonijiet intimi bejniethom.

7. Illi effettivament, missier il-minuri C huwa l-intimat E F G, u dan peress illi fiz-zmien meta l-istess C gie kkoncepit, l-intimat E F G u A B, ghalkemm mhux mizzewgin, kienu qed jittrattjenu relazzjoni intima, illi ghadha ghaddejja sallum;

8. Illi r-rikorrenti ghandu pussess ta’ stat kuntrarju ghall-att tat-twelid u dan peress illi ghalkemm fl-att tat-twelid huwa indikat bhala l-wild ta’ l-intimat H D, fil-verita’ huwa jirrisjedi mal-intimat E F G u A B u dan mid-data tat-

twelid sallum. Illi inoltre mid-data tat-twelid tieghu sal-gurnata prezenti qatt ma qatta' sekonda wahda mal-intimat H D.

9. Illi l-intimat H D gie a konoxxenza tal-ezistenza tar-rikorrenti t-tarbija ricentement u lanqas kien biss jaf illi A B kienet tqila.

10. Illi ghal dawn ir-ragunijiet jehtieg li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni fl-att tat-twelid tar-rikorrenti minuri.

11. Illi dawn il-fatti kif hawn iddikjarati huma kollha a diretta konoxxenza tar-rikorrenti t-tarbija u kif ukoll ta' ommu A B.

12. Illi ghalhekk qed isiru l-prezenti proceduri sabiex:
(a) fl-ewwel lok, jigi stabbilit u ddikjarat illi r-rikorrenti minuri C maghruf bil-kunjom D B, huwa effettivament il-wild tal-intimat E F G u mhux wild l-intimat H D, kif indikat fl-Att tat-Twelid relattiv bin-numru 1279/2008;
(b) konsegwentement jigi korrett l-att tat-twelid bin-numru 1279/2008 sabiex jirrifletti din il-verita' dwar il-paternita' tar-rikorrenti minuri.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat E F G huwa l-missier naturali tal-minuri C maghruf bil-kunjom D B, u mhux l-intimat H D;

2. Tiddikjara li fl-att tat-twelid tal-minuri (Dok. A), hemm erronjament imnizzel li missier il-minuri huwa H D;

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega fl-att tat-twelid hawn fuq indikat billi jigi kkancellat isem "H D" bhala missier it-tarbija u minflok jigi inserit l-isem tal-missier naturali tal-minuri, u cioe' l-isem "E F G", kif ukoll li isem it-tarbija jigi

mibdul minn “C D B” ghal “C G B”, u dan fl-ahjar interess ta’ l-istess minuri.

4. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel is-segwenti emendi fl-att tat-twelid tal-minuri C prezentement maghruf bil-kunjom D B:

(a) jissostitwixxi l-kunjom “D B” fil-kolonna “isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha” bil-kunjom “G B”;
(b) jissosstitwixxi l-isem “H D” fil-kolonna “isem u kunjom missier it-tarbija” bl-isem “E F G”;
(c) jissostitwixxi n-numru tal-karta ta’ l-identita’ “0254489M”, relattiv ghal missier tal-minuri, fil-kolonna “id-dokument ta’ l-identita’” bin-numru “415493M”;
(d) jissostitwixxi in-numru “33” fil-kolonna “eta” u dan dejjem b’ referenza ghal missier tal-minuri, bin-numru “28”;
(e) jissostitwixxi l-post “Santa Venera” fil-kolonna “fejn joqghodu”, in kwantu jirrigwarda l-intestata “missier it-tarbija” bil-post “Tarxien”;
(f) jissostitwixxi l-isem “Manuel D (ALIVE)” fil-kolonna “isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet”, b’ referenza ghall-intestata “missier it-tarbija” bl-isem “Carmel G (ALIVE)”;
(g) ihassar il-kliem “the said” mill-annotazzjoni maghmula fl-istess Att dwar l-istat civili ta’ l-omm A B.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha d-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti ghandha tispecifika d-dettal ta’ fejn

twieled l-allegat missier naturali u cioe' E F G sabiex jekk it-talbiet rikorrenti jintlaqghu, dan id-dettal ikun jista' jigi inserit fl-Att tat-Twelid in kwistjoni flimkien mad-dettalji l-ohra. Inoltre, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jigu milqugha l-esponent jaqbel illi l-kliem "the said" ghandhom jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tispecifika d-dettalji ta' omm it-tarbija u li ghandu jigi korrett il-kunjom tal-minuri.

3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut E F G eccepixxa:

1. Illi l-esponenti jaqbel mal-fatti kif dikjarati mill-attur fir-rikors guramentat tieghu; u

2. Illi l-esponenti jaqbel mat-talbiet attrici kollha u dan stante illi huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri C maghruf bil-kunjom D B, kif del resto irrizulta mit-testijiet tad-DNA;

3. Illi oltre it-talbiet tal-attur, ghandu jkun hemm emenda fl-att tat-twelid tal-minuri C prezentament maghruf bil-kunjom D B billi jigu sostitwiti il-kliem, 'Footscray Victoria Melbourne Australia' fil-kolonna 'twieldu' bil-kliem 'Toronto, Canada'.

Rat li l-konvenut H D debitament notifikat ma pprezentax risposta guramentata;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA redatt mill-Ispizjara Marisa Cassar, minnha debitament mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici nomine qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel imwieled minnha fit-3 ta' Marzu 2008 mhuwiex il-wild naturali ta' zewgha l-konvenut H D, izda huwa l-wild naturali tal-konvenut E F G; u talbet ukoll il-konsegwenzjali korrezzjonijiet fl-Att tat-Twelid.

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li f' April 2006 A B sseparat de facto minn ma' zewgha l-konvenut H D, u f' Novembru 2006 hija bdiet tikkoabita mal-konvenut E F G li mieghu ghandha relazzjoni stabbli. Minn din ir-relazzjoni twieled it-tifel C.

Illi A B tikkonferma li, wara s-separazzjoni de facto, hi ma kellhiex relazzjonijiet intimi ma' zewgha; u li fil-perijodu tal-koncepiment tat-tarbija hija kellha relazzjoni mal-konvenut l-imsemmi E F G. Dan jinsab konfortat mir-rizultat tat-testijiet xjentifici li jikkonferma li l-missier naturali tat-tifel huwa l-istess E F G.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara li l-konvenut E F G huwa l-missier naturali tat-tifel C li twieled fit-3 ta' Marzu 2008; u tordna l-konsegwenzjali korrezzjonijiet fl-Att tat-Twelid kif indikat fit-talbiet attrici.

L-ispejjez ikunu kollha a kariku tal-konvenut E F G.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------